## 19 ta' Frar, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Rinaldo Zahra pr. et ne.** *versus* **Carmelo Grech**

## Falliment — Sentenza — Kuratur

*Skond is-sistema tal-liġi tagħna, l-istat tal-falliment jistabbilixxi ruħu invarjabilment u indiviżibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza tal-effetti u tal-konsegwenzi tiegħu, biss bis-sentenza tal-Qorti, li tiddikjarah fuq l-istanza tiegħu jew tal-kredituri. U wara din is-sentenza, u mhux qabel, l-azzjonijiet ċivili kontra l-fallit għandhom jiġu promossi jew prosegwiti kontra l-kuratur tal-falliment.*

*Għaldaqstant, sakemm ma tkunx għadha saret dik is-sentenza, l-azzjoni tal-kreditur diretta kontra l-fallit hija istitwita sewwa, u mhix f'lokha l-eċċezzjoni li l-azzjoni ma jmisshiex ġiet diretta kontra tiegħu, avvolja huwa jkun ġa ddenunzja l-falliment tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu proprio et nomine s-somma ta' £50, bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-istess konvenut. Bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 1955, u dawk tal-mandat ta' impediment mis-safar tal-15 ta' April ta' l-istess sena;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li ssottometta illi b'nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta'

April 1955 huwa ddenunzja l-falliment tiegħu, u għalhekk l-odjerna azzjoni ma tistax tiġi diretta kontra tiegħu.

*Omissis;*

Billi skond is-sistema tal-liġi tagħna l-istat tal-falliment jistabbilixxi ruħu invarjabilment u indiviżibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza tal-effetti u tal-konsegwenzi tiegħu, biss bis-sentenza ta' din il-Qorti, li tiddikjarah fuq l-istanza tal-fallit jew tal-kredituri; u inveru, b'din is-sentenza jiġi nominat il-kuratur biex jeżerċita l-funzjonijiet li l-liġi tattribwilu matul ir-reġim tal-falliment; u wara dik is-sentenza, u mhux qabel, l-azzjonijiet ċivili kontra l-fallit għandhom jiġu promossi jew prosegwiti kontra l-kuratur tal-falliment;

Billi għad ma hemmx dik is-sentenza li tiddikjara l-falliment tal-konvenut, minnu denunzjat bl-imsemmija nota tiegħu;

Billi, għalhekk, l-azzjoni odjerna ġiet sewwa diretta kontra l-istess konvenut, u kontra tiegħu għandha tiġi prosegwita;

*Omissis;*

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-attur, limitatament għas-somma ta' £46; bl-interessi u bl-ispejjeż.